# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 15 ta' Jannar 2001**

**Numru 15**

**Citaz. numru 1550/96 GV**

**Agostino Azzopardi & Sons Limited**

**vs**

**Randolph Schembri**

**L-ATT TAC-CITAZZJONI**

Is-socjeta' attrici pprocediet kontra l-konvenut gja mpjegat taghha b'dan l-att tac-citazzjoni.

> "Is-sentenza attrici ppremettiet illi l-konvenut kien impjegat mas-socjeta' attrici bhala assistant storekeeper u distribution assistant.
>
> Premess illi dan il-kuntratt ta' impieg kien regolat skond kitba tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Frar, elf disa' mija erbgha u disghin (1994) li kopja taghha qeghdha tigi hawn mehmuza u mmarkata Dokument A.

Premess illi dan il-kuntratt kien jipprovdi ghal terminu ta' mpieg fiss ghall dan l-impieg ta' tlett snin bil-patt illi dik il-parti minnhom li ttemm l-istess impieg qabel l-iskadenza tat-terminu miftiehem, tkun responsabbli ghall-hlas lejn il-parti l-ohra ta' kumpens ekwivalenti ghal nofs il-paga li kienet tithallas fil-perjodu rimanenti mit-terminu originali.

Premess illi fit-tmintax (18) ta' Awissu, tal-elf disa' mija u hamsa u disghin (1995) il-konvenut qabad u abbanduna dan l-impieg minghajr ebda raguni valida fil-Ligi, anzi qieghed jippretendi li kien nghata preavviz ta' gimghatejn lis-socjeta' attrici liema preavviz pero' qatt ma gie accettat bhala validu.

Premess illi l-konvenut qieghed jirrifjuta li jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tal-kumpens gust dovut lis-socjeta' attrici.

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddecidi li l-konvenut qabad u abbanduna l-impieg minghajr ebda raguni valida qabel it-temm tat-terminu miftiehem ghall-istess impieg.

2. Tillikwida l-kumpens konsegwentement pagabbli mill-konvenut lis-socjeta' attrici skond it-termini tal-kitba fuq imsemmija.

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji tal-21 ta' Awissu, 1995 u tal-5 ta' Settembru, 1995 u tal-ittra ufficjali spedita f'Marzu, 1996."

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenut hekk eccepixxa ghat-talbiet attrici :-

"Preliminarjament, in-nullita, tal-kawza stante illi d-dikjarazzjoni ta' l-atturi mhijiex guramentata skond il-ligi, b'dan illi la hemm indikat min halef id-dikjarazzjoni u lanqas ma

hemm indikat illi l-persuna li ghamel l-istess gurament b'liema mod huwa konsapevoli tal-fatti hemm esposti;

Preliminarjament, fil-mertu, il-preskrizzjoni skond il-ligi;

Illi, sussidjarment, l-kuntratt ta' l-impieg gie mibdul fil-kors ta' l-impieg b'dan illi sar kuntratt ghal zmien indefinit kif jigi muri waqt is-smiegh;

Illi, wkoll sussidjarment, anke jekk il-kuntratt ta' l-impieg jigi meqjus bhala kuntratt definit, il-konvenut kien iggustifikat illi jirrilaxxja ruhhu mill-istess kuntratt stante illi:

i. L-atturi tawh raguni tajba u sufficjenti ghal dan billi naqsu milli jhallsuh ghas-sahra skond il-ligi, kif jigi muri waqt is-smiegh u f'liema rigward il-konvenut jirrizerva d-drittijiet tieghu skond il-ligi, kif ukoll naqsu milli jaghtuh kuntratt gdid skond kif kienu weghduh;

ii. L-atturi, tramite l-'managing director' Claudio Farrugia, accettaw illi jitlaq mill-impieg u tawh x'jifhem illi kienu qeghdin jirrilaxxjaw id-drittijiet taghhom f'dan ir-rigward;

iii. L-atturi, wara li rrilaxxjaw id-drittijiet taghhom u ndikaw b'dan lill-konvenut, bidlu l-ideja taghhom u qalulu illi "riedu jaghmlu vendikazzjoni minnu", meta l-konvenut, wara li kien qallhom li ser jitlaq, m'accettax kundizzjonijiet godda li offrewlu."

Fil-mori tal-kawza l-konvenut ircieva l-ewwel eccezzjoni.

**DECIDE**

B'sentenza tat-30 ta' Ottubru 1998, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza billi prevja li cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut laqghet it-talbiet attrici u kkundannat lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' Lm2067 bl-imghax u bl-ispejjez kontra tieghu.

**PROVI**

L-Ewwel Qorti hekk irrjasumiet il-provi li l-kontendenti pproducew quddiemha :-

> "**Ronald Galea** xehed li l-konvenut kien gie mpjegat b'kuntratt definitiv ghal perjodu ta' tliet snin. Kien beda bhala Warehouse Manager imbaghad gie promoss ghal Sales Manager fil waqt li baqa' jghin fl-istores. Hu kellu kariga ta' Warehouse & Distribution Co-Ordinator. Il-paga zdiedet u kellha terga tizdied. Billi l-performance tieghu ma kienitx tajba bizzejjed kienu se jkellmuh. Meta gie lura mill honeymoon, il-konvenut qal lil Claudio Farrugia li kien se jitlaq mix-xoghol qabel jaghlaq it-terminu. Farrugia staqsa lil John Magro jekk kienux se jinforzaw il-kuntratt u dan qallu li kienu se jinforzawh sakemm isibu replacement. Il-konvenut xorta rrezenja u l-ahhar li dahal ghax-xoghol kien fit-18 ta' Awissu, 1995.
>
> **Claudio Farrugia** kkonferma kif kien impjegat Schembri. Hu qal li meta Schembri gie lura mill-honeymoon dan kien tah ir-rizenja verbalment. Kien ipprezenta dina d-decizjoni lill Bord tad-Diretturi. Huma kienu ghamlu offerta gdida lill-konvenut biex jibqa maghhom. Il-konvenut kien qallhom li se jitlaq il-gimgha ta' wara. Huma qalulu li kellu jahdem in-notice period kif kien stipulat fil-kuntratt. Huma kienu lesti li jxoljuh mill-kuntratt jekk jilhqu jsibu replacement ghalih. Il-konvenut ma setghax jistenna ghax kellu promessa ta' impieg gdid u fil-fatt hadem sal-gimgha ta' wara mbaghad telaq fit-18 ta' Awissu.
>
> Fuq kontro-ezami hu wiegeb li huma kienu se jirrevedu l-kondizzjonijiet tax-xoghol tal-konvenut inluz il-paga izda ma kienu lahqu ghamlu xejn. Da parti tieghu hu ma kellux oggezzjoni li l-konvenut jitlaq. Minn meta l-konvenut iddecieda li jitlaq sakemm attwalment telaq ghadda xi xahar.
>
> **John Magro** ikkonferma l-kondizzjonijiet tax-xoghol tal-konvenut. Wara li l-konvenut gie mill-honeymoon, Claudio Farrugia kien infurmah li l-konvenut kien se jirrezenja u li dan xtaq ikun jaf jekk il-kumpanija kinitx se tapplika it-termini tal-kuntratt. Hu kien lest li jhalli lill konvenut jittermina l-impieg tieghu qabel it-terminu minghajr ebda penali kif stabilit fil-

kuntratt sakemm il-konvenut jaccetta li joqghod fl-impieg sakemm il-kumpanija ssib replacement u l-konvenut jaghti handover kif xieraq. Farrugia kien qallu li kien informa b'dana lill konvenut izda dana xorta wahda kien se jittermina l-impieg tieghu ghax diga kien intrabat ma kumpanija ohra fejn kien se jibda jahdem il-gimgha ta' wara.

**Il-konvenut** xehed li hu kien impjegat b'kuntratt definitiv u kellu jithallas l-overtime bis-siegha siegha. Wara sar jaf li dawn il-kondizzjonijet ma kienux japplikaw ghal ohrajn. Hu kien ipprotesta. Wara sena bidlulu l-grad tieghu u qalulu li kienu se jtuh kuntratt gdid biex jindika dana l-grad gdid izda qatt ma wasal. Hu kien jinsisti ma Farrugia fuq il-kuntratt u anke biex jibdel xi kondizzjonijiet. Kien ha l-leave meta zzewweg u kellu offerta ta' xoghol gdid. Hu kien kellem lill Farrugia u staqsih jekk isibx diffikolta biex ihollu mill-kuntratt u dana qallu li ma kienx hemm diffikolta basta jaghtih qiesu hmistax notice u wara ikun jista' jiehu hsieb Paul Schembri. Billi hu kien gie accettat fil-post il-gdid, kien informa lill Farrugia li kien se jaghtih hmistax notice, izda dak il-hin Farrugia qallu li milli qalu ma kien hemm xejn ghax kien marbut bil-kuntratt. Hu kien qallu li weghdu li se jhollu u li fi kwalunkwe kaz ma kienx tah il-kuntratt il-gdid. Xi gimgha wara kien hemm Board meeting u qalulu biex jibqa' u jaghtuh il-kuntratt il-gdid u jtuh iz-zieda. Hu talbu zmien biex jahsibha imma gimgha wara qallhom li ser jitlaq. Hu hadem iz-zmien kollu li Farrugia talbu jahdem bhala notice.

Fuq kontro-ezami rrisponda li minn meta ha l-kariga gdida dejjem weghduh li se jaghmlu kuntratt gdid. Meta telaq lill attur u qabad il-job gdid ghaddiet weekend."

## MOTIVAZZJONI TAS-SENTENZA APPELLATA

L-Ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha :-

"Dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni l-Qorti tirrileva li ma ngabu ebda provi dwarha u lanqas ma giet trattata fin-noti tal-partijiet. Inoltre ma gie ndikat ebda artikolu tal-ligi li fuqu l-konvenut qed jibbaza l-eccezzjoni tieghu.

L-istess jista' jinghad dwar l-eccezzjoni l-ohra li l-kuntratt ta' impieg gie mibdul fil-kors ta' l-impieg b'dan illi sar kuntratt ghal zmien indefinit.

Ir-relazzjonijiet bejn il-kontendenti huma regolati bil-kuntratt definit esibit a fol. 5 tal-process.

L-atturi qed jibbazaw it-talba taghom fuq l-artikolu 34(12) tal-Kap 135 li jipprovvdi li:

> *"An employee who abandons the service of his employer before the time definitely specified by a contract of service, shall pay to the employer one-half of the full wages that would have accrued to the employee in respect of the remainder of the time specifically agreed upon."*

L-atturi qed jikkontendu li l-konvenut ried jitlaq mix-xoghol ghax kien sab xoghol iehor. Fil-fatt meta telaq fit-18 ta' Awissu, 1995 hu beda jahdem f'post iehor fil-21 ta' Awissu u ghalhekk il-konvenut ghandu jhallas l-ammont mitlub billi unilateralment kiser il-kuntratt ta' xoghol.

Min naha l-ohra l-konvenut qed isostni li hu kellu dritt skond il-Kap 135 34(14) *(if there is good and sufficient cause for such dismissal or abandonment of service)* li jikser il-kundizzjonijiet ta' l-impieg tieghu u ma jibqax ghall perjodu kollu tal-kuntratt ma' l-atturi. Il-konvenut qed jissottometti li ma kienx hemm ksur unilaterali tal-kuntratt imma hu kien gie awtorizzat mis-superjur dirett tieghu cioe' Claudio Farrugia li hu setgha jitlaq basta jaghti hmistax notice biex ikun jista jaghti handover xieraq.
Fuq dana l-punt il-Qorti hi tal-fehma li ma giex pruvat li l-konvenut gie inekwivokament mahlul mill-kuntratt tieghu. Il-konvenut kien talab lill Claudio Farrugia jara jekk setghax jigi liberat mill-kuntratt definit tieghu izda dana qallu li kellu jikkonsulta ruhhu mal-Board of Directors li ultimament kienu responsabbili. Fil-fatt meta ghamel hekk, dawn talbu lill Farrugia jghid lill konvenut jirrikonsidra l-posizzjoni tieghu u ghamlulu offerta gdida biex jibqa' maghhom. Izda meta ghamlulu dina l-offerta l-konvenut m'accettax ghax fil-fatt hu diga kellu job iehor lest appena jitlaq lill atturi. Farrugia qallu li da parti tieghu l-konvenut setgha jitlaq basta jaghti notice u jsibu replacement tieghu, haga li pero' ma lahqux ghamlu ghax il-konvenut kien imghaggel biex jitlaq.

*Skond il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna r-rinunzja ta' dritt trid tirrizulta minn espressjonijet espliciti u univoci, u mhux*

> *minn espressjonijiet generici, jew min fatti assolutament inkonciljabbli mal-konservazzjoni tad-dritt u li juru l-volonta' preciza tar-rinunzjant…. (Ara Sant Cassia vs N. Deguara App Inf. 1/3/82; u Henry Thake vs C. Borg App Inf. 25.11.1986).*
>
> Il-konvenut issottometta sussidjarjament ukoll li billi l-atturi ma tawhx kuntratt gdid imhabba il-grad gdid tieghu u billi ma kienux qed jikkumpensawh kif suppost ghall overtime li kien qed jaghmel, hu kien intitolat li jfittex post iehor biex jimmeljora l-posizzjoni tieghu.
>
> Dwar l-ewwel parti ta' dina s-sottomissjoni jirrizulta mill-provi li meta l-konvenut gie mill-honeymoon hu ma tantx tah opportunita lill atturi jinnegozjaw u jikkonkludu mieghu l-kondizzjonijiet tal-kuntratt il-gdid. Dwar it-tieni parti tas-sottomissjoni tieghu l-Qorti tirrileva li ma ngabet ebda prova dwar l-allegat nuqqas ta' pagament ta' overtime da parti ta' l-atturi."

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

Il-konvenut appella minn din is-sentenza. Il-Qorti ezaminat l-aggravju tieghu u waslet ghall-konkluzjoni li m'hemm xejn fih li kellu jikkonvinciha milli tasal ghall-konkluzjoni diversa minn dik li waslet ghaliha l-Ewwel Qorti. Il-konvenut appellant infatti jiffacilita' x-xoghol ta' din il-Qorti ta' revizjoni billi mill-ewwel jaccetta li l-mertu tal-appell seta' jkun ridott ghall-konsiderazzjoni ta' l-ahhar eccezzjoni minnu moghtija u cioe' dik illi hu kien gustifikat illi "jirrilaxxa ruhu mill-kuntratt minhabba diversi ragunijiet". Hu jaqbel li filwaqt li, kif inghad, kien irtira l-ewwel eccezzjoni dwar in-nullita' tal-att tac-citazzjoni, hu ma kienx gab provi kemm f'rigward tat-tieni eccezzjoni tieghu li kienet illi t-talbiet attrici

kienu preskritti, kif ukoll fir-rigward tat-tielet eccezzjoni tieghu, dik li l-kuntratt kien gie trasformat minn wiehed definit ghal wiehed indefinit.

Il-konvenut allura qed jippretendi illi l-Ewwel Qorti kellha tasal ghall-konkluzjoni illi hu ma kienx hall ruhu mill-kuntratt ta' mpjieg tieghu minghajr raguni u konsegwentament ma kellhux jigi kkundannat ihallas id-danni skond kif espressament stipulat fil-kuntratt ta' mpjieg tieghu. Jidher mill-istess elenku tal-fatti kif minnu esposti fir-rikors tal-appell illi hu kien qieghed iqis li ma kienx qed jigi trattat sew mill-employers tieghu billi ma kienx qed jithallas kif suppost ghas-sahra li kien qed jaghmel. Inoltre ma kienx inghata kuntratt gdid meta fil-fatt kien gie mwieghed dan.

Din il-precizazzjoni infatti ixejjen ghal kollox l-argument principali tal-appellant stess illi hu kien gustifikat itemm l-impjieg tieghu ghaliex ufficjal tas-socjeta' kien wasslu biex jifforma opinjoni illi l-impjieg tieghu seta' jinhall. Din il-pretensjoni tal-appellant infatti kienet giet trattata b'certu dettal fis-sentenza appellata proprju ghaliex it-tezi principali tal-konvenut kienet illi hu kien gie zgwidat mill-istess socjeta', fir-rigward tal-konsegwenzi tal-eventwali terminazjoni unilaterali tal-kuntratt ta' mpjieg da parti tieghu.

Il-provi f'din il-kawza huma verament neqsin. Huma llimitati ghal kif jidher fir-rijassunt fis-sentenza appellata ghax-xhieda ta' tlett ufficjali

tas-socjeta' attrici u ghal dik tal-konvenut innifsu. Xhieda li prattikament ma jitfghu l-ebda dawl fuq l-unika eccezzjoni li kien ghad fadallu l-konvenut dwar l-allegata gustifikazzjoni li kellu biex unilateralment jittermina l-kuntratt ta' l-impjieg tieghu. L-allegazzjoni vaga li hu ma kienx qed jithallas kemm suppost ghas-sahra li kien qed jaghmel ma tirrizulta bl-ebda mod sostnuta mill-provi. Dan apparti l-fatt illi hu car illi legalment, anke li kieku jigi ammess ghall-grazzja ta' l-argument li din ic-cirkostanza kienet vera, xorta ma kienitx tintitola lill-impjegat illi jabbroga l-kuntratt ta' mpjieg unilateralment. Ir-rimedju legali f'din ic-cirkustanza, li kieku verament avverat ruhha, kien zgur ikun dik illi l-impjegat jirrendika d-drittijiet tieghu ghall-hlas ta' dak li kien lilu dovut b'azzjoni gjudizzjarja apposita.

It-tieni ilment tal-appellant fir-rigward tal-mod allegatament hazin kif kien qieghed jigi trattat minn min ihaddmu kien daqstant iehor insostenibbli bhala raguni ghat-terminazzjoni tal-impjieg unilaterali. Il-konvenut infatti jippretendi illi l-fatt li suppost is-socjeta' attrici kienet weghditu illi taghmel mieghu kuntratt ta' mpjieg gdid u l-fatt li kienet naqset li taghmel dan kienet tintitolah li jittermina l-impjieg ghal zmien determinat li kellu qabel ma ghalaq iz-zmien tieghu. Anke hawn din il-pretenzjoni tal-appellant hi ghal kollox insostenibbli bil-ligi. Hu abbonatament provat u wkoll ammess minn l-istess appellant, li hu kien intrabat b'kuntratt ta' mpjieg definit ghal zmien tlett snin. F'dak il-kuntratt il-kundizzjoni ta' l-impjieg tieghu kienu ben determinati u

konsegwentament, kienu x'kienu t-trattattivi biex dawn eventwalment jinbidlu, l-konvenut appellant ma setghax jippretendi li kien mahlul mill-kuntratt li bih intrabat fid-dwata taz-zmien li ghalih kien mahsub li jorbot. Din il-Qorti ma tarax b'liema kriterji jista' l-konvenut appellant jippretendi illi l-principju bazilari tad-dritt "parta sunt servanda" ma kienx japplika ghall-kaz tieghu. Dan multo magis meta l-ftehim li kien jikkreja d-drittijiet u l-obbligi bejn il-kontendenti kien wiehed maghmul bil-miktub, car u univiku u ma jhalli l-ebda lok ghall-interpretazzjoni jew dubju. Minn imkien mill-atti nfatti ma jirrizultaw xi allegazzjoni jew xi element ta' prova illi s-socjeta' attrici kienet naqset mill-obbligi taghha skond il-kuntratt ta' mpjieg minnha sottoskritt. Una volta ma tirrizultax l-inadempjenza kontrattwali gravi da parti ta' l-istess socjeta' attrici l-Qorti ma tarax kif tista' fil-ligi tiggustifika l-agir unlaterali tal-konvenut qua mpjegat taghha. Lanqas tista' ssib raguni ghaliex ma tqisx ghall-Ewwel Qorti illi l-konvenut inkorra l-penalita' specifika u espressa li l-kuntratt ta' mpjieg kien qed jimponi fuqu f'kaz li hu jaghzel li, bla ebda raguni valida fil-ligi, jittermina hesrem il-kuntratt minnu liberament sottoskritt.

Din il-Qorti wkoll ma tistax taccetta l-insinwazzjoni fir-rikors tal-appell illi l-penali kontemplata fil-kuntratt ta' mpjieg f'kaz ta' terminazzjoni inulaterali da parti tal-impjegat u mis-socjeta' attrici nvokata kienet tammonta ghal xi vendikazzjoni. Il-quantum tal-penali infatti hu mhux biss b'mod espress specifikat fil-kuntratt ta' mpjieg, imma wkoll jirrifletti dak li hemm prodott fil-ligi specjali li tirregola l-materja tal-impjieg f'kaz

ta' terminazzjoni unilaterali ta' kuntratt ta' mpjieg ghal zmien determinat kif kien dak li bih kien marbut il-konvenut.

Din il-Qorti ma fehmitx is-sottomissjoni tal-appellant illi ghal dak li jirrigwarda l-quantum tal-penali l-appellari kien jidher li ma kienx hemm metodu ta' likwidazzjoni tal-ammont li l-konvenut kien gie kundannat ihallas fis-sentenza appellata. Ghall-kuntrarju l-metodu hu wiehed specifikatament kontemplat fl-iskrittura tal-21 ta' Frar 1994 u l-Ewwel Qorti gustament imxiet skrupolozament ma' dak li l-partijiet kienu kkontrattaw dakinhar.

Inkonkluzjoni allura din il-Qorti ma ssib xejn fis-sottomissjonijiet tal-appellant li kkonvinciha li kellha tvarja l-konkluzjoni gusta li kienet waslet ghaliha l-Ewwel Qorti. Din il-Qorti waslet ghal konviciment illi l-konvenut ghazel li jittermina l-impjieg ghax hekk kien jaqbillu, billi kien diga' sab xoghol alternattiv, fil-fehma tieghu ahjar minn dak li kellu mas-socjeta' appellata. Kien certament dritt tieghu li jaghzel illi jbiddel l-impjieg tieghu ghal wiehed ahjar. Dan pero' ma kienx ihollu mill-obbligi li kellu fil-kuntratt ta' mpjieg ghal zmien determinat mas-socjeta' appellata. Kulhadd kien liberu li jirreagixxi fl-ahjar mod fl-interess tieghu pero' dan mhux a skapitu ta' obbligazzjonijiet kontrattwali li bihom ikun marbut favur terzi. In sintesi kulhadd kellu jkun tenut responsabbli ghal agir tieghu u ghall-konsegwenzi li tali agir jipprovoka bi pregudizzju ta' haddiehor.

Ghal dawn il-motivi, u ghal motivi dedotti mill-Ewwel Qorti, s-sentenza appellata qed tigi kkonfermata, u l-appell michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

Dep/Reg

mg